**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1066/22DC**

***Gordon Farrugia u***
***Mansueta Farrugia***

***vs***

***Unique Plant Limited Limited (C53626)***
***Abdel Karim Ahmad magħruf bħala Michael Costa***
*personalment u in rappreżentanza tas-soċjeta*
***Unique Construction Limited (C74909)*** *u tas-soċjeta*
***Unique Plant Limited (C74965)***

Illum, 14 ta' Novembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-konvenuti Unique Plant Limited, Unique Construction Limited u Abdel Karim Ahmad ippreżentat fil-11 ta' Luju 2023[1], permezz ta' liema talbu hekk:

> *Għalhekk l-esponenti, għar-raġunijiet premessi, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħoġbha tippermettilhom u għalhekk tawtoriżżahom sabiex issaffi l-kontumaċja tagħhom billi jippreżentaw r-risposta ġuramentata tagħhom.*

[1] A fol 49.

Rat ir-risposta ta'l-atturi preżentata f'l-24 ta' Awwissu 2023[2] permezz ta' liema, għar-raġunijiet hemm premessi, opponew it-talba.

Rat il-verbal ta'l-udjenza miżmuma nhar l-24 ta' Ottubru 2023[3] meta l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx sottomissjonijiet x'iżiedu ma' dak li kienu ġia ssottomettew fir-rikors u r-risposta rispettivament.

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li qabel xejn jiġi rilevat is-segwenti:

1. Fir-rikors ġuramentat l-indirizz tal-konvenuti gie indikat hekk:
   a. Unique Plant Limited: Il-Boma Sqaq il-Muddurbu Mqabba; dan huwa l-indirizz ta' l-uffiċju reġistrat ta' din is-soċjeta.
   b. Unique Construction Limited: Il-Boma Sqaq il-Muddurbu Mqabba; dan huwa l-indirizz ta' l-uffiċju reġistrat ta' din is-soċjeta.
   c. Abdel Karim Ahmad: 11, Coral, Triq Ras il-Ġebel, Xagħjra.

   Dawn huma l-indirizzi kif jidhru fid-dokumenti uffiċjali miżmuma għand il-Malta Business Registry[4].

2. F'l-ewwel tentattiv ta' notifika l-ebda wieħed mil-konvenuti ma ġie notifikati f'dawk l-indirizzi. Skond ma jirriżulta mir-riferti relattivi l-marixxal[5]:
   - ma nnotifikax liż-żewġ soċjetajiet konvenuti peress li "*fejn qabel kien Unique (Boma) ... ma fetaħ ħadd*"; u
   - ma nnotifikax lill-konvenut Abdel Karim Ahmed peress li ma fetaħ ħadd; aktar minn hekk ġie infurmat mill-ġirien li f'dak l-indirizz ma joqgħod ħadd.

3. It-tieni tentattiv ta' notifika tal-konvenuti sar f'l-istess indirizzi; u baqaw ma ġewx notifikati. Fir-rigward taż-żewġ soċjetajiet konvenuti l-marixxal qal "*ma sibtx Unique fi Triq i-Muddurbu*"; fir-rigward tal-konvenut Abdel Karim Ahmad l-marixxal reġa qal li ma fetah ħadd u li gie infurmat li f'dak l-indirizz ma joqgħod ħadd[6].

4. It-tielet tentattiv ta' notifika tal-konvenuti sar wara l-ħinijiet legali u dejjem f'l-istess indirizzi; baqaw ma ġewx notifikati. Fir-rigward taż-żewġ

---

[2] A fol 78.
[3] A fol 95.
[4] Ref fol 88, 89 u 90 rispettivament.
[5] A tergo ta' fol 11.
[6] Ref riferti a tergo ta' fol 14.

soċjetajiet konvenuti l-marixxal qal "*mort fejn qabel kien hemm Unique u ma fetaħ ħadd*"; il-marixxal speċifika ukoll li "*qabel kien hemm tabella b'l-isem Unique u illum m'għadiex hemm*" Fir-rigward tal-konvenut Abdel Karim Ahmad qal biss li ma fetah ħadd[7].

5. Skond kif awtoriżżati minn din il-Qorti kif diversament presjeduta l-atturi proċedew biex jipprovaw jinnotifikaw lill-konvenuti permezz tal-proċedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Il-publikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern saret fis-17 ta' Marzu 2023[8], u f' żewġ gażżetti lokali fit-2 ta' Mejju 2023 u fit-3 ta' Mejju 2023 rispettivament[9]. Skond struzzjonijiet li taw l-atturi l-affissjoni kellha sar f'l-indirizz Il-Boma, Sqaq il-Muddurbu Mqabba u f'l-Ghassa tal-Pulizija u l-Kunsil Lokali ta' l-Mqabba għal dak li jirrigwarda iż-żewġ soċjetajiet konvenuti; u f'l-indirizz 11 Carol Triq Ras il-Gebel u f'l-Ghassa tal-Pulizija u l-Kunsill Lokali tax-Xgħajra għal dak li jirrigwarda lil Abdel Karim Ahmed[10]. Mir-riferti relattivi jirrizulta li:
   - l-affissjonijiet kollha relattivi għall-konvenut Abdel Karim Ahmed saru fit-30 ta' Marzu 2023 f'l-indirizz indikat mill-atturi[11];
   - l-affissjonijiet relattivi għas-soċjeta konvenuta Unique Plant Ltd saret ma'l-Għassa tal-Pulizija u mal-Kunsill Lokali iżda mhux f'l-indirizz ta'l-uffiċju reġistrat għaliex jidher li l-marixxal "*ma sabx Unique Plant Ltd*"[12];
   - l-affissjonijiet relattivi għas-soċjeta konvenuta Unique Construction Ltd saret mal-Kunsill Lokali iżda mhux f'l-indirizz ta'l-uffiċju reġistrat għaliex jidher li l-marixxal "*ma sabx Unique Construction Ltd*"; lanqas ma'saret ma'l-Għassa tal-Pulizija[13].

6. It-tentattivi ta' notifika kollha, ħlif għat-tieni wieħed, saru mill-istess marixxal.

7. F'l-udjenza miżmuma f'l-4 ta' Lulju 2023[14] ġie osservat li l-konvenuti ma preżentawx risposta ġuramentata u għalhekk gew dikjarata li jinstabu fi stat ta' kontumaċja; il-kawża tħalliet għall-provi ta'l-atturi.

8. Fil-11 ta' Lulju 2023 ġie preżentat ir-rikors odjern.

---

[7] Ref riferti a tergo ta' fol 23.
[8] Ref fol 26.
[9] Ref fol 44 et seq.
[10] Ref *folder* fol 41.
[11] Ref riferti a fol 43.
[12] Ref riferti a fol 42.
[13] Ref riferta a fol 42; għal kull bon fini għandu jingħad li fil-waqt li m'hemmx riferta ta'l-affissjoni ma'l-Għassa tal-Pulizia tas-soċjeta Unique Construction Ltd, hemm żewġ riferti dwar l-affissjoni tas-soċjeta Unique Plant Ltd ma'l-Għassa tal-Pulizija.
[14] Ref verbal a fol 48.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti jikkontendu li n-notifika tas-soċjetajiet konvenuti hija invalida għaliex ma saritx l-affissjoni ma'l-uffiċju reġistrat; jikkontendu ukoll li kull tentattiv ta'notifika relattiv għall-konvenut Abdel Karim Ahmed huma kollha nulli stante li kull tentattiv ta' notifika u l-eventwali affissjoni saru f'l-indirizz żbaljat. Il-Konvenut jgħid li r-residenza tiegħu hija dik li tirriżulta mill-karta ta'l-identita tiegħu[15] u anke mir-Registru Elettorali, u konsegwentement huwa indirizz magħruf. Il-konvenuti jikkontendu ukoll li l-kontumaċja ma tkunx gustifikabbli meta tkun volontarja. Jgħidu li fil-każ in eżami hija ġustifikabbli stante li hija riżultat ta' notifika irregolari u invalida u għalhekk ma tippendiex fuq il-volonta tagħhhom. Huma fil-fatt jikkontendu li għadhom jiġu awtoriżżati jippreżentaw risposta ġuramentata.

Illi da parti tagħhom l-atturi jikkontendu li t-talbiet tal-konvenuti huma kontradittorji għaliex f' waqt minnhom jgħidu li r-rikors huwa intiż biex jitħallew isaffu il-kontumaċja tagħhom u f'waqt ieħor jilmentaw li n-notifika lilhom tar-rikors ġuramentat ma saritx saritx validament. L-atturi pero jinsistu li n-notifiki saru regolarment. Għal dak li jirrigwarda s-soċjetajiet konvenuti jagħmlu referenza għall-fatt li mir-riferti jidher li l-konvenuti qalgħu il-plakka b'l-isem Unique, fatt li l-atturi m'għandhom l-ebda kontroll fuqu u huwa intiż biss biex ifixkel n-notifiki. Jgħidu ukoll li affissjoni ma'l-uffiċju reġistrat mhux meħtieġa tassattivament. Fir-rigward tal-konvenut Abdel Karim Ahmed jinsistu li dan ġie notifikat f'l-indirizz li huwa indika fid-dokumenti sottomessi lil Malta Business Registry u kien jispetta lilu li jikkoregi dawn d-dokumenti jekk biddel l-indirizz ta' residenza tiegħu. L-atturi jikkontendu ukoll li la darba fil-fehma tagħħhom in-notifika hija valida l-konvenuti m'għandhomx jiġu awtoriżżati jippreżentaw risposta ġuramentata għaliex ma ntweriet l-ebda ġustifikazzjoni għan-nuqqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta fiż-żmien li trid il-Liġi.

Ikkunsidrat

Illi qabel ma tinoltra ruħha fil-mertu tat-talba in eżami l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li kwistjonijiet dwar validita o meno tan-notifika u dawk dwar il-kontumaċja huma kwistjonijiet separati u distinti.

[15] Kopja hija esebieta a fol 54.

Kif ntqal fis-sentenza mgħotija 17 ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri f'l-ismijiet ***Jesmond Sacco et vs Concetta Charles et***:

> *Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn ghandna zewg kwestjonijiet preliminari li jehtiegu ezami, epurazzjoni u decizjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iz-zewg kwestjonijiet jikkoncernaw in-nullita tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wiehed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumacja.*
>
> *Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawza f'l-ismijiet "Emanuel Stellini - vs- Carlo Vella et", "il-kwestjoni tan-nullita tan-notifika 'de quo' u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika tac-citazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaci u l-kawza ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jigi notifikat mill-gdid skond il-ligi".*

Illi dan il-prinċipju baqa' jiġi riaffermat tul is-snin u f'sentenza aktar riċenti mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Superjuri fil-kawza ***HSBC Bank Malta plc vs. Standard Chartered Bank Limited***[16] ntqal li:

> *Kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa' kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf. Għalhekk, huwa biss f'każ li jirriżulta li hemm notifika valida li wieħed jgħaddi biex jgħarbel jekk il-kontumaċja li sseħħ tkunx waħda ġustifikabbli jew inkella waħda ta' ħtija.*

Illi fil-każ in eżami il-konvenuti qed jitolbu li jithallew *isaffu l-kontumaċja tagħhom* u konsegwentment jippreżentaw risposta ġuramentata. It-talba tagħhom qed jibbażawha fuq in-nullita tan-notifika. Għalhekk, u b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza appena ċitata ghall-każ in eżami, il-Qorti għandha l-ewwel tikkunsidra l-kwistjoni jekk in-notifika tar-rikors ġuramentat hiex valida jew le; u f'każ biss li n-notifika hija waħda valida tista tipproċedi biex tikkunsidra jekk il-konvenuti kellhomx raġuni tajba a bażi ta' liema ma preżentawx ir-risposta ġuramentata fiz-żmien prefiss mill-Liġi

[16] Deċiża 12 ta' Lulju 2019.

## <u>In-notifika tas-soċjetajiet konvenuti</u>

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 187(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, in-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura: (a) fl-uffiċju reġistrat, fl-uffiċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew (b) f'idejn xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) bil-mod provdut fis-subartikolu (1).*

Illi ai termini ta' din id-dispożizzjoni għalhekk in-notifika ssir billi l-att ġudizzjarju jitħalla f'idejn il-persuni hemm indikati *fl-uffiċju reġistrat, fl-uffiċju prinċipali, tiegħu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali.*

Illi meta n-notifika skond l-artikolu 187(4) ma tirnexxiex, u ċioe wara li jkunu saru tlett tentattivi validi, inkluż wieħed wara l-ħinijiet legali[17], allura n-notifika tista' ssir permezz tal-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni skond l-artikolu 187(5) ta'l-imsemmi Kapitolu 12; dan jipprovdi li:

> *Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jinstab li n-notifika kif provdut fis-subartikolu (4) ma tkunx saret, il-qorti tista', jekk jirriżulta li mill-inqas xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) ikun jinsab Malta tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-iskrittura fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, fejn dak il-korp ikollu l-uffiċju reġistrat, uffiċju prinċipali, jew il-post tan-negozju tiegħu, u billi dik l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar minn wieħed skont kif il-qorti tista' tiddeċiedi u,* ***meta possibbli, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb tal-uffiċju reġistrat,*** *uffiċju prinċipali, jew post tan-negozju. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf*

[17] Dan skond ma jirrikjedi l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12.

*b'dik l-iskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2).*[18]

Illi dwar il-ħtieġa li l-proċedura stabbilita f'din id-dispożizzjoni tiġi segwita rigorożament pronunzjat ruħha l-Qorti ta'l-Appell Superjuri fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Three Barrels Limited vs Joan Schembri et***[19]:

*Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tlett elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha tal-pubblikazzjoni jew ta' l-affissjoni.*

*(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;*
*(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta;*
*(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.*

*Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv u ghandu jinghata l-piz shih tieghu.* ***Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf, illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza[20]. Jekk ma jigix pruvat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.***[21]

Ikkunsidrat

Illi fil-każ in eżami l-atturi għażlu li jippruvaw jinnotifikaw lis-soċjeta konvenuta f'l-uffiċju reġistrat tagħha.

---

[18] Is-sottolinear huwa tal-Qorti.
[19] Deċiża fit-13 ta' Lulju 2001. Għandu jiġi rilevat li s-sentenza ċitata tkellmet dwar l-elementi li jemerġu mill-artikolu 187(3) li jirregola notifika lil individwu, u mhux 1-artikolu 187(5) li jirregola notifika lil xi soċjeta. Pero dawn iż-żewġ dispożizzjonijet, huma identiċi għal dak li jirrigwarda notifika b'l-affissjoni u publikazzjoni, għalhekk dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell dwar l-artikolu 187(3) japplika ugwalment għall-artikolu 187(5).
[20] Fil-każ in eżami mal-bieb ta' l-uffiċju reġistrat.
[21] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Illi ħadd mill-partijiet m'hu qed jikkontesta l-validita ta'l-ewwel tlett tentattivi għan-notifika tas-soċjetajiet konvenuti. Mir-riferti relattivi jidher li l-marixxal, għalkemm ma sabx il-plakka b'l-isem Unique[22], sab l-indirizz speċifikat mill-atturi pero minħabba li ma fetaħ ħadd huwa ma setgħax iwettaq in-notifika[23].

Illi r-raba tentattiv għan-notifika sar bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni. Il-publikazzjoni saret u m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarha. L-istess ma jistax jingħad għall-affissjoni. Kif diġa ntqal affissjoni ma'l-uffiċju reġistrat tas-soċjetajiet konvenuti ma saritx. Ir-raguni mgħotija mill-marixxal kienet li ma sabx "Unique Plant Ltd" u "Unique Construction Ltd"; dan kien l-istess marixxal li mar darbtejn qabel u mhux biss kien jaf il-post imma kien jaf ukoll eżattament fejn qabel kien hemm il-plakka "Unique"[24]. Għal xi raġuni l-marixxal, għalkemm sab il-post fejn kellha ssir l-affissjoni, għazel li ma jwettaqiex.

Illi f'dan l-istadju hemm fattur ieħor li jista' jassumi ċerta relevanza: l-indirizz ġustament indikat mill-atturi bħala l-uffiċju reġistrat taż-żewġ soċjetajiet konvenuti kien Il-Boma, Sqaq Muddurbu, Mqabba u kien ma' dan il-fond (b'l-isem "Il-Boma" u mhux b'l-isem "Unique") li kellha ssir l-affissjoni.

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li kull soċjeta kummerċjali għandu jkollha l-uffiċju reġistrat tagħha facilment identifikabbli, u fin-nuqqas m'għandux jiġi penalizzat minn jeħtieglu jinnotifikaha b'xi att ġudizzjarji, jew il-marixxal li jkun qed jipprova jwettaq dik in-notifika. Fil-fatt fis-sentenza mgħotija fil-21 ta' April 2016 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kawża ***John Mary Casha u Carmen Casha vs Tal-Markiza Co. Limited***, ingħad li uffiċju reġistrat għandu *raġonevolment jekk mhux facilment identifikabbli*. Il-Qorti qalet ukoll li:

> *L-obbligu tas-soċjeta konvenuta, biex tinħeles minn kull ħjiel ta' kolpa jew negliġenza u tistrieħ fuq in-nuqqas tal-marixxall bħala fatturi barra mir-rieda tagħha biex titħalla tippreżenta risposta ġuramentata, hu li turi li n-nuqqas verament kien tal-ufficjal tal-Qorti u mhux indott minnha.*
>
> *Il-Qorti ma hi xejn konvinta illi s-soċjeta konvenuta qed tippubbliċizza u tindika b'mod ċar u raġonevolment identifikabbli l-uffiċju reġistrat*

[22] Mir-riferta huwa ċar li l-marixxal kien jaf il-post u li kien jaf li kien hemm plakka b'l-isem Unique.
[23] Mhux daqstant ċar jekk jekk il-marixxal (persuna differenti minn dak li għamel iż-żewġ tentattivi l-oħra) sabx il-post fejn kellha titwettaq in-notifika għaliex hu jgħid li "*ma sibtx Unique fi Triq Muddurbu*".
[24] Għandu jiġi sottolineat li il-marixxal dejjem semma il-kelma "Unique" bħala l-isem li kien hemm fuq il-plakka u mhux l-isem sħiħ tas-socjetajiet konvenuti.

*tagħha u għalhekk il-Qorti ma tistax tqis li l-marixxal għandu xi htija meta ddikjara fir-riferta li ma sabx l-indirizz reġistrat ċioe n-numru.*

Illi fil-każ li eżami jidher li mal-fond li jservi bħala uffiċju reġistrat tas-soċjetajiet konvenuti, cioe il-fond Il-Boma, Sqaq Muddurbu, Mqabba, f'xi żmien kien hemm plakka b'l-isem "Unique"[25] li ma baqatx imwaħħla mal-post. Pero meta il-marrixal mar biex jinnotifika iż-żewġ soċjetajiet konvenuti l-post Il-Boma, Sqaq Muddurbu Mqabba sabu, tant li f'l-ewwel tlett okkażżjonijiet pruva jikkonsenja l-atti u ma konsenjahomx għax ma fetaħ ħadd u mhux għax ma sabx il-post[26]. Il-Qorti mhux qed tiddubita l-fatt li meta mar il-marixxal bin-notifika odjerna ma kienx hemm il-plakka b'l-isem Unique, pero la darba l-marixxal sab l-indirizz lilu indikat (Il-Boma Sqaq Muddurbu) meta mar fir-raba okkażżjoni biex iwettaq l-affissjoni, u reġa sab il-post, huwa kellu jwettaqha l-affissjoni indipendentement mill-eżistenza ta' xi plakka b'l-isem Unique. Dan għaliex anke fit-termini tal-ġurisprudenza fuq ċitata dak li jehtieġ li jkun identifikabbli huwa il-post fejn tista titwettaq il-konsenja (jew fejn għandha ssir l-affissjoni) irrispettivament minn jekk hemmx l-isem ta'l-entita li lilha jridu jiġu konsenjati l-atti. La darba il-post fejn kellha titwettaq l-affissjoni mhux biss kien identifikabbli imma fattwalment ġie identifikat, mhux biss darba imma erba' darbiet ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ma kellhiex issir l-affissjoni mal-post[27].

Illi la darba l-affissjoni setgħet issir imma baqghet ma saritx in-notifika taż-żewġ soċjetajiet konvenuti bil-proċedura tal-publikazzjoni u l-affissjoni għandha titqies bħala nieqsa waħda mir-rekwiżieti rikjesti f'l-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandha titqies ukoll bħala irritwali u bla effett fil-liġi. Għalhekk id-deġriet ta'l-4 ta' Lulju 2023 permezz ta' liema s-soċjetajiet konvenuti ġew dikjarati kontumaċi għandu jiġi revokat *contrario imperio* u n-notifika ta'l-istess soċjetajiet konvenuti imwettqa mill-ġdid.

## <u>In-notifika tal-konvenut Abdel Karim Ahmad</u>

Illi fil-każ tal-konvenut Abdel Karim Ahmad qed jiġi allegat li n-notifika twettqet f'l-indirizz il-ħażin. Il-konvenut jgħid li l-indirizz tiegħu huwa dak indikat fil-karta ta' identita tiegħu u cioe Ta' Nina F/H Triq l-Armier Hal Qormi,

[25] U mhux *Unique Plant* jew *Unique Construction.*
[26] Kieku ma sabx il-post fejn kellu jwettaq in-notifika ma kienx jgħid li "*ma fetaħ ħadd*" imma kien jgħid li ma sabx il-post.
[27] B'analoġija meta l-affissjoni sservi ta' notifika lil persuna fiżika, il-marixxal ma jfittix mal-fond lilu indikat ai fini ta' notifika xi plakka jew xi ħaġa oħra b'isem dik il-persuna.

għalhekk huwa kellu jiġi notifikat f'dan l-indirizz u mhux dak indikat mill-atturi fir-rikors ġuramentat.

Illi l-atturi da parti tagħhom jikkontendu li fid-dokumenti sottomessi lil Malta Business Registry l-indirizz tal-konvenut, in kwantu direttur tas-soċjetajiet konvenuti, huwa indikat bħala 11 Coral Triq Ras il-Ġebel Xgħajra u għalhekk in-notifika kellha ssir f'dan l-indirizz. L-atturi jżiedu jgħidu li meta l-konvenut bidel ir-residenza tiegħu messu avża lill-Malta Busniess Registry u fin-nuqqas ta' tali avviż l-unika indirizz fejn setghu jinnotifikaw lill-konvenut kien f'dak indikat fid-dokumenti uffiċjali.

Illi l-Qorti m'għandhiex dubbju li l-konvenut bidel l-indirizz tiegħu, mhux biss minhabba dak li jidher mill-karta ta'l-identita imma anke għaliex il-marixxal ġie infurmat mill-ġirien li fil-fond indikat fir-rikors ġuramentat ma jgħix ħadd. Min-naħa l-oħra pero il-Qori hija tal-fehma li kien l-obbligu tal-konvenut, in kwantu direttur tas-soċjetajiet konvenuti, li javża lill-Malta Business Registry bil-bdil f'l-indirizz tiegħu. Għal dan in-nuqqas m'għandhomx jaħtu l-atturi.

Illi la darba n-notifika tal-konvenut saret kif trid il-liġi f'l-unika indirizz li setgħu ikunu jafu bih l-atturi din għandha titqies bħala valida. Konsegwentement u tenut kont tal-fatt li l-konvenut ma preżentax ir-rsposta ġuramentata fiż-żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notififka huwa għandu jitqies kontumaċi.

## **Ġustifikazzjoni tal-kontumaċja**
## **da parti tal-konvenut Abdel Karim Ahmad**

Illi, konfermat li l-konvenut Abdel Karim Abdel Ahmad huwa kontumaċi, il-Qorti issa trid tistħarreġ jekk din il-konumaċja hiex ġustifikabbli jew le.

Illi ai termini ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut kellu *jippruva għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss*. X'jikkostitwixxi "*raġuni tajba*" mhux stabbilit fil-liġi pero skond ġurisprudenza kostanti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk konvenut kellux ġustifikazzjoni għan-nuqqas tiegħu l-Qorti għandha tkun gwidata mis-segwenti principji:

1. *Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
2. *Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

3. *Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
4. *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
5. *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*
6. *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*
7. *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*
8. *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*[28]

Illi dwar x'jikkostitwixxi il-"kawża ġusta" imsemmija f'dawn il-prinċipji f'l-istess sentenza ċitata intqal hekk:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment flewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali leċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

Illi l-unika raġuni li ta l-konvenut biex jipprova jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu hija n-nullita tan-notifika. La darba l-Qorti ikkonkludiet li n-notifika hija valida

[28] Ref **_Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance_** deċiża mill-Qorti ta'l-Appell fit-28.01.2005 b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet **_Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo_**mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Inferjuri fid-29 ta' Mejju 1937.

allura t-talba tal-konvenut neċessarjament għandha tfalli b'mod li l-konvenut għandu jibqa jiġi ikkunsidrat bħala kontumaċi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi fil-waqt li **tiċħad it-talba dedotta mill-konvenut Abdel Karim Ahmed**, qed **tilqa t-talba taż-żewġ soċjetajiet konvenuti Unique Plant Limited u Unique Construction Limited**, tiddikjara n-notifika lilhom, tar-rikors ġuramentat, bil-proċedura ta'l-affissjoni bħala nulla u bla effett u konsegwentement tirrevoka *contrario imperio* d-degriet tagħha ta'l-4 ta' Lulju 2022 in kwantu l-istess soċjetajiet konvenuti ġew dikjarati li qegħdin fi stat ta' kontumaċja u tordna li għandha titwettaq in-notifika lill-istess soċjetajiet konvenuti bir-rikors ġuramentat.

Spejjez riżervati għall-ġudizzju finali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**